MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru. 830/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Priscilla Caruana)**

**Vs**

**Clint Dalton**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 24 ta' Novembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Clint Dalton detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 416489M talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Nhar is-27 ta' Awwissu 2014 ghall-habta ta' bejn l-14:00 u 14:30hrs, minn gewwa bin-numru 9, Sqaq Rigu Birkirkara ikkommetta serq ta' 205 Euro liema serq huwa aggravat bil-lok u dan ghad-detriment ta' Josephine Glaea u/jew persuna/i ohra.
2. Talli fis-27 ta' Awwissu 2014 ghall-habta ta' 13:45hrs, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq minn gewwa residenza bin-numru 12, 'St.Joseph' Triq il-Mithna Birkirkara ikwalifikat bil-lok u bil-valur li ma jeccedix il-2329.45 Euros (elf Lira Maltija) ghad-dannu ta' Jesmond Frendo Cumbo u/jew persuna/i ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu; (Art 41 (1) (a), 261 (c), 261 (e), 267, 269 (g), 279 (a), 280 (1) Kap 9.)
3. Talli fis-27 ta' Awwissu 2014 ghall-habta ta' 15:00hrs, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq minn gewwa residenza bin-numru 27, Triq il-Ferrovija l-Qadima Birkirkara ikwalifikat bil-lok u bil-valur li ma jeccedix il-2329.45 Euros (elf Lira Maltija) ghad-dannu ta' Christine Bonnici u/jew persuna/i ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-

volonta tieghu; (Art 41 (1) (a), 261 (c), 261 (e), 267, 269 (g), 279 (a), 280 (1) Kap 9.)

4. Talli fis-27 ta' Awwissu 2014 ghall-habta ta' bejn 13:00hrs u 13:45hrs, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq minn gewwa residenza bin-numru 6, Triq Rigu Birkirkara ikwalifikat bil-lok u bil-valur li ma jeccedix il-2329.45 Euros (elf Lira Maltija) ghad-dannu ta' Joanna Ellul u/jew persuna/i ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu; (Art 41 (1) (a), 261 (c), 261 (e), 267, 269 (g), 279 (a), 280 (1) Kap 9.)
5. Talli fis-27 ta' Awwissu 2014 ghall-habta ta' bejn 14:00hrs u 14:30hrs, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' serq minn gewwa residenza bin-numru 13 Sqaq Rigu Birkirkara ikwalifikat bil-lok u bil-valur li ma jeccedix il-2329.45 Euros (elf Lira Maltija) ghad-dannu ta' Maria Rosa Grech u/jew persuna/i ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu; (Art 41 (1) (a), 261 (c), 261 (e), 267, 269 (g), 279 (a), 280 (1) Kap 9.)
6. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D, datata 20 ta' Novembru 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel. (Art 28E (3) Kap 9)
7. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D fid-digriet tieghu ta' nhar is-6 ta' Novembru 2013 li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija personali (Art. 579(2) Kap 9)
8. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghax jinbidlu.
9. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghalkemm minghajr hsieb li jaghmel reat iehor dahal f'dar fejn joqghod haddiehor bil-mohbi u bi skuza falza jew b'qerq iehor (Art.339 (o) Kap 9)

Il-Qorti intalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikkunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni u l-fedina penali tieghu li mhix wahda netta. Oltre' dan il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni ukoll li l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga u li wera x-xewqa li jibda programm ta' rijabiltazzjoni.

F'dan il-kaz il-Qorti tqis li m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 41(1)(a), 261(c), 261(e), 267, 269(g), 279(a), 280(1), 339(o), 579(2), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija effettiva li minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li dam taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Inoltre' b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti qeghda iddahhal fis-sehh is-sentenza sospiza ta' sitt xhur prigunerija moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-20 ta' Novembru 2012.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti u dana peress illi ma jirrizultax in atti li thallsu xi esperti; kif ukoll li tapplika l-artikoli 383 et sequitur billi m'hemmx tali htiega.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat waqt li jiskonta l-piena moghtija jkun jista' jsegwi programm ta' rijabiltazzjoni sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------